# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 66/2010 MH**

**Illum, 29 ta' Novembru, 2017**

**Joseph Gatt (ID 421959 M)**

**vs**

**Polidano Brothers Limited (C 8884) u Polidano Group Ltd (C8885)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat tal-attur tal-25 ta' Jannar, 2010** permezz ta' liema ppremetta:

"*Illi l-esponent kien jahdem mal-kumpanija intimata bhala 'shutterer' u xogholu kien jikkonsisti fl-gharmar ta' soqfa b'injam u hadid biex umbghad jinghata l-konkos;*

*Illi fl-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) l-esponent kien gie mqabbad mis-socjeta' intimata sabiex inaddaf sit ta' kostruzzjoni f'Birzebbugia minn diversi injam, shutters u materjal iehor ta' kostruzzjoni;*

*Illi waqt li kien qieghed jaghmel dan ix-xoghol waqa' hajt fuqu u sofra minn feriti, fosthom f'siequ l-lemminija, u kellu jigi rikoverat fl-isptar Mater Dei;*

*Illi dan il-hajt ma kienx mibni skond is-sena u l-arti hekk mehtiega;*

*Illi konsegwenza ta' dan l-incident l-esponent sofra griehi permanenti f'siequ l-leminija tant li gie ccertifikat mill-konsulent Mr Anthony A Bernard MD FRCS FRCSOrth li qieghed ibat minn disabilita' permanenti ta' tmintax il-mija (18%) (Dok JG1);*

*Illi s-socjeta' kummercjali konvenuta hi unikament responsabli ghal dan l-incident u ghall-griehi li l-esponent sofra billi naqset li tizgura li l-post tax-xoghol tal-haddiema taghha jkun wiehed nieqes mil-periklu;*

*Illi minkejja li s-socjeta' kummercjali konvenuta giet imsejha diversi drabi biex taddivjeni ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mil-esponent inkluzi ittri legali tat-tmienja (8) ta' Ottubru 2009 (Dok JG2 u Dok JG3), din baqghet inadempjenti;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett ta' din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara:*

1. *Li s-socjeta' intimata hija l-unika responsabli ghad-danni sofferti kif fuq premess mir-rikorrenti*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorenti bl-opera ta' periti nominandi, u*

3. *Tordna li l-intimat ihallas is-somma hekk likwidata lill-rikorenti in linea tad-danni.*

*U dan taht dawk il-provedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xerqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' ittri legali tat-tmienja (8) ta' Ottubru 2009 u bl-imghax legali skond il-ligi mid-data tan-notifika kontra s-socjeta' kummercjali li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata tas-socjetajiet konvenuti Polidano Brothers Limited u Polidano Group Ltd tad-9 ta' Marzu, 2010** permezz ta' liema resqu dawn l-eccezzjonijiet[1]:

***"ECCEZZJONIJIET LI JITQIESU RINUNZJATI JEKK MA JINGIBUX FIL-BIDU TAD-DIFIZA***

1. *Illi preliminarjament is-socjetajiet intimati jecepixxu n-nullita` tar-rikors guramentat stante illi r-rikkorrent ma ottemperax ruhu mal-forma rikjesta mil-ligi skond l-artiklu 156 tal-Kap 12 – Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

2. *Illi s-socjeta intimita Polidano Group Ltd ma hiex legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri stante li qatt ma kellha l-ebda relazzjoni la kontrattwali u l-anqas ta xi xorta ohra mar-rikorrent u ghaldaqstant ghandha tinheles mill-gudizzju;*

***STQARRIJA TA' L-ECCEZZJONIJIET FUQ IL-MERTI TAT-TALBA***

[1] Fol 15 et seq

**1.** *Illi t-talbiet tar-rikkorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta intimata m'ghandhiex tort ghall-incident in kwistjoni u m'hijiex responsabbli ghall-istess incident u l-konsegwenzjali danni;*

**2.** *Salv eccezzjonijiet ulterjuri permesii mil-ligi.*

**DIKJARAZZJONI GURAMENTATA DWAR IL-FATTI KOLLHA DWAR IT-TALBA**

**1.** *Illi in kwantu ghal dak dikkjarat fil-paragrafi wiehed (1) sa sitta (3) tar-Rikors Guramentat dan mhux kkontestat;*

**2.** *Illi mhux minnu dak dikkjarat fil-paragrafu tlieta (3) tar-rikors guramentat stante illi mhux minnu illi l-hajt in kwistjoni ma kienx mibni skond l-arti u s-sengha u dan kif ser jitwera fil mori tal-kawza;*

**3.** *Illi in kwantu ghal dak dikjarat f'paragrafu hamsa (5) tar-rikors guramentat dan mhux kontestat;*

**4.** *Illi mhux minnu dak dikkjarat fis-sitt (6) paragrafu tar-rikors guramentat stante illi s-socjeta intimata m'ghandhiex tort u ma hijiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni li sofra ir-rikorrent bhala rizultat tal-incident u dan stante li l-incident sehh unikament minhabba forza magguri;*

**5.** *Illi kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, l-incident sehh minhabba rih kbir li hakem lil dawn il-gzejjar fil-jum tal-incident. Ir-rih qabad il-hajt in kwistjoni u waqqghu fil-mument li rikorrent kien qieghed qrib tieghu u ghaldaqstant*

*stante din il-forza magguri is-socjeta rikorrenti ma kellha ebda tip ta kontrol fuq l-incident;*

***6.*** *Illi s-socjeta intimata dejjem ghamlet minn kollox sabiex tissalvagwardja is-sahha u s-sigurta tal-impjeagti taghha fuq il-post tax-xoghol u dan kif jirrizulta mill-avviz lill-impjegat kollha dwar sahha u sigurta (Ara Dok A hawn anness). Tant hu hekk illi kif jidher minn dan id-dokument l-impjegati kollha gew attrezzati bl-ilbies protettiv kif ukoll mgharrfa dwar il-proceduri kollha li ghandhom jittiehdu sabiex ikunu evitati incidenti. Kif jidher ukoll mid-dokument hawn anness ir-rikorrent mhux talli kien mgharraf b'dan id-dokumet izda wkoll iffirmah u ghaldaqstant accetta il-proceduri kollha kontenuti fih;*

***7.*** *Illi ghaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrent kontra s-socjeta intimata huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-socjeta intimata m'ghandhiex tort ghall-incident in kwistjoni u m'hijiex responsabbli ghall-istess incident u l-konsegwenzjali danni;*

***8.*** *Illi l-fatti kollha fuq esposti Charles Polidano ghas-socjeta' ntimata jafhom personalment."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness mar-risposta guramentata.
Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat ir-rapport mediku ex parte tal-konsulent Mr Anthony Bernard[2].

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

[2] Fol 5 et seq

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz tal-lum l-attur qieghed jitlob lill-Qorti ssib lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-korriment tieghu waqt incident fuq il-post tax-xoghol li sehh nhar l-1 t'April 2008 gewwa sit ta' kostruzzjoni f'Birzebbugia. Huwa qieghed jitlob il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni konsegwenzjali.

Il-konvenuti jirrespingu l-pretensjonijiet tal-attur billi jichdu kwalunkwe tort ghall-akkadut.

**Eccezzjonijiet preliminari**

Qabel kull kunsiderazzjoni ohra l-Qorti sejra l-ewwel tqis l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.

<u>L-ewwel eccezzjoni</u> tghid hekk -

*"Illi preliminarjament is-socjetajiet intimati jecepixxu in-nullita` tar-rikors guramentat stante illi r-rikorrent ma ottemperax ruhu mal-forma rikjesta mil-ligi skond l-artiklu 156 tal-Kap 12 – Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili".*

Il-konvenuti jargumentaw[3] li ghalkemm il-ligi ma tirrikjedix l-uzu ta' kliem partikolari, l-kliem ghandu jkun jiftiehem x'qed jitlob l-attur. Huma jsostnu li l-bazi legali ta' l-azzjoni attrici hija neboluza. Minn qari tar-rikors guramentat jidher li l-attur qed jilmenta dwar nuqqas kunrattwali tas-socjeta' konvenuta li

[3] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 172

tipprovdi ambjent tax-xoghol nieqes mill-perikolu, izda mbaghad fin-Nota ta' Sottomissjonijiet jghid li l-azzjoni tieghu hija bazata fuq il-*culpa aquiliana*. Iktar tard fl-istess Nota jghid li l-azzjoni tieghu hija arginata fuq il-*culpa in eligendo u/jew culpa in vigilando*. In-nebolozita' ta' l-azzjoni tkompli meta nonostante li l-kawza nfethet kontra z-zewg socjetajiet konvenuti, r-referenza fir-rikors guramentat kienet kontinwament ghal socjeta' konvenuta wahda minghajr ma gie specifikat ghall-liema miz-zewg socjetajiet kienet qed issir referenza. Isegwi fil-fehma taghhom li l-azzjoni hija nulla.

Ghalkemm il-konvenuti ma specifikawx is-subartikolu tal-artikolu 156, il-Qorti tifhem li l-eccezzjoni tistrieh fuq l-ewwel sub-artikolu ta' dan l-artikolu li jghid hekk –

*"156. (1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –*

*(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;*

*(b) ir-raġuni tat-talba;*

*(ċ) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati; u*

*(d) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:*

*"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif*

*trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi. Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."*

Il-Qorti ssib li dawn il-kriterji gew osservati mill-attur ghax:

(a) l-oggett tal-kawza huwa ben imfisser fir-rikors guramentat u cioe' l-incident li sehh fuq il-lant tax-xoghol li wassal biex l-attur sofra griehi li hallewlu dizabilita' permanenti, liema fatti l-attur iddikjara li kien personalment konsapevoli taghhom;

(b) ir-raguni tat-talba wkoll giet imfissra wkoll peress li l-attur intavola l-proceduri ghax fil-fehma tieghu huma l-konvenuti li ghandhom igorru r-responsabbilta' ghal dan l-incident peress li ma giex zgurat li l-post tax-xoghol tal-haddiema kien wiehed sikur u nieqes mill-periklu. Huwa fuq din ir-raguni, u fuq din ir-raguni **BISS** li giet bazata t-talba tal-attur, u ghalhekk huwa fuq dawn il-binarji biss li l-Qorti se tibbaza l-kunsiderazzjonijiet taghha;

(c) it-talbiet huma mibnija fuq l-istess premessi tar-rikors guramentat u jitolbu d-dikjarazzjoni ta' responsabbilta' tal-konvenuti, kif ukoll il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni;

(d) id-dicitura ndikata fis-subparagrafu (d) tal-artikolu wkoll hija nkluza.

Invece jidher li l-ilment tal-konvenuti huwa aktar iccentrat fuq l-argumenti tal-attur imressqa fin-Nota ta' Sottomissjonijiet u li fil-fehma taghhom jiddipartixxu mill-bazi tal-kawza kif proposta fir-rikors guramentat. Izda hawn il-Qorti tfakkar li hija ser tkun qed tiddeciedi l-kaz biss skont il-parametri tal-

kawza kif delineati minn dak mitlub fir-rikors guramentat u mhux minn argumenti li jistghu jitqajmu fin-Noti ta' Sottomissjonijiet mill-partijiet.

Kif inghad fil-kaz **Health Services Group Ltd vs Id-Direttur tal-Kuntratti et deciz fit-28 t'April 2017**[4]

*"Kif qalet din il-Qorti fil-kawza* ***Micallef v. Mizzi****, deciza fil-24 ta' Frar, 2012:*

*"Huwa principju maghruf illi fl-ghoti tas-sentenza l-Imhallef civili ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa ghandu joqghod strettament ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni….ma huwiex lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni. Kawzali kif espressa fic-citazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawza u l-Qorti ghandha toqghod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fic-citazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza moghtija tkun extra petita".*[5]

Il-Qorti tosserva ulterjorment li l-konvenuti ma sofrew ebda pregudizzju tant li huma laqghu ghall-azzjoni b'diversi eccezzjonijiet immirati li jwaqqghu l-pretensjonijiet tal-attur kif dikjarati fir-rikors guramentat.

**Fic-cirkustanzi l-eccezzjoni tal-konvenuti ma tregix u sejra ghalhekk tigi respinta.**

<u>It-tieni eccezzjoni</u> tghid hekk –

[4] Rik 381/11
[5] Ara ukoll ta' l-istess hsieb **Vincent Camilleri vs Gaetano Aquilina** – 16 ta' Marzu, 2004 Appell Civ.; **Bank of Valletta plc vs Abbazia Company Limited** - 5a ta' Mejju, 2011 Appell Inferjuri.

*"Illi s-socjeta intimita Polidano Group Ltd ma hiex legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri stante li qatt ma kellha l-ebda relazzjoni la kontrattwali u l-anqas ta xi xorta ohra mar-rikorrent u ghaldaqstant ghandha tinheles mill-gudizzju;"*

Il-konvenuti jargumentaw[6] li l-attur ma ta' ebda raguni il-ghala s-socjeta' Polidano Group Ltd hija konvenuta f'din il-kawza. L-atti tal-kawza juru li r-relazzjoni tal-attur kienet mas-socjeta' konvenuta l-ohra Polidano Brothers Limited u kienet hija li tat l-istruzzjonijiet lill-attur biex jaghmel xi xoghlijiet gewwa s-sit ta' Birzebbugia. Ghalkemm fis-sottomissjonijiet tieghu l-attur jargumenta li l-azzjoni tieghu hija bazata fuq *culpa aquiliana*, l-premessi tar-rikors guramentat juru mod iehor u cioe' li l-bazi tal-azzjoni hija wahda kuntrattwali li huwa kellu mas-socjeta' Polidano Brothers Ltd. Fi kwalunkwe kaz, anke li kieku l-azzjoni hija wahda akwiljana, ma ngiebet ebda prova ta' ness bejn l-attur u Polidano Group Ltd.

L-attur minn naha tieghu jghid li ma tressqet ebda prova konkreta li tiskolpa lis-socjeta' konvenuta Polidano Group Ltd. Huwa jghid ukoll li l-azzjoni tieghu mhiex wahda bazata fuq relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet izda fuq il-*culpa aquiliana*. Fil-fehma tieghu ghalhekk, anke fin-nuqqas ta' relazzjoni kuntrattwali ma' Polidano Brothers Limited, hija l-prossimita' permezz tac-cirkustanzi li waslu ghall-hsara sofferta minnu tirrendi lil din is-socjeta' legittimu kontradittur.

Kif inghad minn din il-Qorti stess fil-kaz **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et**[7] **deciz fit-28 ta' Settembru 2016 -**

[6] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 173
[7] Rik Gur 700/14

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell**:***

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-kaz fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009***[8] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinsel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza."*

*Illi inoltre l-gurisprudenza tkompli hekk:*

*"**Ghal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv ghal dak prospettat mill-attur bit-talba tieghu. Dan ghaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda proposta**[9]." **(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)**[10]**."***

[8] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)
[9] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti
[10] (Nru 777/06) deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell

Mill-provi jirrizulta li kif xehed l-attur stess, fl-epoka tal-incident huwa kien impjegat tas-socjeta' konvenuta Polidano Brothers Limited bhala *shutterer*[11]. Minn naha l-ohra, fl-affidavit tieghu[12], Paul Polidano ghan-nom ta' Polidano Brothers Limited xehed li huwa kien il-persuna responsabbli fi hdan dik l-istess socjeta' sabiex jissorvelja s-siti li jkunu taht kostruzzjoni fosthom dak ta' Birzebbugia li fih wegga' l-attur.

Il-Qorti tinnota li ghalkemm il-kawza saret kontra z-zewg socjetajiet konvenuti, l-attur indirizza l-premessi u t-talbiet tieghu b'referenza ghal socjeta' konvenuta wahda, li ghalkemm ma gietx indikata b'isimha huwa car li r-referenza hija ghas-socjeta' konvenuta Polidano Brothers Ltd. Dan kemm mir-referenza ghall-impjieg tieghu ma' din "il-kumpanija ntimata" fl-ewwel paragrafu kif ukoll mill-bqija tal-premessi fosthom l-allegazzjoni li r-responsabbilta' ghandha tingarr mill-employer, *ergo* s-socjeta' Polidano Brothers Limited, li allegatament ma assiguratx sigurta' fuq il-"post tax-xoghol tal-haddiema <u>taghha</u>[13]".

Il-fatt per se li l-Avviz lill-impjegati dwar l-uzu ta' l-ilbies protettiv inhareg minn Polidano Group li jinkludi lis-socjeta' konvenuta Polidano Brothers Limited flimkien ma' socjetajiet ohra[14] ma jirrendix lil Polidano Group Ltd legittimu kontradittur ghax kif inghad, l-azzjoni hija indirizzata lejn in-nuqqasijiet tal-*employer* ta' l-attur li kif inghad, hija Polidano Brothers Ltd.

Jigi nnutat ukoll li l-ittra legali ta' l-attur indirizzata lis-socjeta' assikurattiva Middlesea Insurance plc, datata 8 t'Ottubru 2009 tirreferi unikament ghal

[11] Affidavit a fol 25
[12] Fol 146
[13] Sottolinear tal-Qorti. Rikors guramentat a fol 2
[14] Fol 19

Polidano Brothers Limited. Ukoll, l-ittra ufficjali ntavolata mill-attur ukoll fit-8 t'Ottubru 2009[15] saret biss kontra Polidano Brothers Limited.[16]

Ma ngiebet ebda prova li legalment torbot lis-socjeta' konvenuta Polidano Group Limited ma' l-akkadut tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri.

**Fid-dawl tas-suespost l-Qorti tqis li din l-eccezzjoni hija wahda gustifikata u ghalhekk sejra tintlaqa'.**

**Ikkunsidrat:**

**<u>Mertu</u>**

1. **Id-dinamika ta' l-incident**

L-attur u l-kollegi tieghu li kienu prezenti fuq il-lant tax-xoghol dakinhar ta' l-incident kienu konsistenti dwar dak li sehh. Fuq struzzjonjiet tal-foreman tas-socjeta' konvenuta Polidano Brothers Limited dawn il-haddiema kienu qeghdin inaddfu sit ta' kostruzzjoni gewwa Birzebbugia x'hin f'daqqa wahda waqa' hajt ghal fuq l-attur.

**L-attur** xehed fid-dettal dwar dak li ghadda minnu nhar l-1 t'April 2008. Huwa qal hekk[17] –

*"Jien dak iz-zmien kont impjegat ma' Polidano Brothers Limited bhala shutterer. Jigifieri xogholi kien jikkonsisti fl-armar ta' l-injam fuq il-hitan sabiex fuqu jinghata s-saqaf bil-konkos.*

[15] Fol 9
[16] Fol 7
[17] Affidavit a fol 25

*Dakinhar li weggajt niftakar li kont xoghol gewwa sit go Birzebbugia flimkien ma xi haddiema ohra. Bhala foreman kien hemm Gwido u bhala haddiema kien hemm David Camilleri, Edgar Grech u Bipol minn Bangladesh. Konna ilna nahdmu hemm xi erba' xhur.*

*….f'dik il-gurnata partikolari jiena, flimkien ma' shabi gejna mqabbdin minn Gwido sabiex innadfu s-sit minn xi injam u shutters li kien hemm sparparjati mas-sit. Fil-fatt dakinhar kienet ix-xita u ghalhekk bdejna nahdmu fuq gewwa.*

*Jiena kont qieghed nizbarazza f'post partikolari meta f'daqqa wahda nisma lil Bipol jghajjat. Dak il-hin harist il-fuq u rajt il-hajt li kont tahtu, jigifieri ma genbu, nizel ghal fuqi. Jiena tlajt nigri pero' ma lhaqtx zgiccajt ghax malli dan il-hajt waqa' qabadli saqajja. Hassejt ugiegh kbir u niftakar li kienu haduni l-isptar permezz ta' ambulanza. Kienu gew ukoll tac-*Civil Protection *sabiex jaghtu l-ghajnuna taghhom."*

Kollega ta' l-attur li kien prezenti dakinhar ta' l-incident, **David Camilleri** xehed hekk[18] -

*"Rigward dan l-incident jiena niftakar li kont xoghol go site Birzebbugia flimkien ma' Joseph Gatt, Edgar Grech, certu wiehed Bipol li huwa barrani minn Bangladesh u l-foreman Gwido….*

*Jiena flimkien mal-grupp bdejna ngorru scaffolding li kien jikkonsisti f'pajpijiet tal-hadid. Dawn bdejna nzarmawhom minn go kmamar li kienu gew imsaqqfa xi hmistax ghoxrin gurnata qabel. Dan l-iscaffolding bdejna nzarmawh u niehduh go kmamar ohrajn fejn gien ndikat lilna minn l-imghallem Gwido. Niftakar li f'wahda minn dawn il-kmamar kien hemm hajt divizorju tal-bricks. Go dan il-*

[18] Affidavit a fol 28 et seq

*hajt kien hemm ukoll aperture li tinfed ghal barra u saf fejn naf jien dan il-hajt la kellu blata u lanqas irbit mas-saqaf u lanqas mal-hitan. Dan il-hajt kien xi ghaxar filati gholi u mieghu kien hemm xi scaffolding imserrha mieghu. Naf li kien hemm dan l-iscaffolding imserrah mieghu ghax il-foreman Gwido kien qalilna sabiex inpoggu l-hadid hemm. Jien stess poggejt xi hadid mieghu. Niftakar ukoll li l-hajt ta' ma' genb dan il-hajt kien tal-konkos pero' ma kellu l-ebda rbit mieghu.*

*F'daqqa wahda smajt hoss kbir. Jien dak il-hin kont go kamra ohra ftit il-boghod minn dan il-hajt. Mort nigri u rajt lil Joseph Gatt bil-bricks fuqu. Dan il-hajt waqa' fuqu. Jien dak il-hin cempilt l-ambulanza li giet wara xi kwarta. Gew ukoll il-fire brigade peress li ma kienx hemm tarag minn fejn nizzlu lil Joseph. Joseph beda jghajjat bl-ugiegh u jien fuq ordni tal-imghallem Gwido bqajt sejjer mieghu l-isptar fl-ambulanza.*

*Jien niftakar ukoll li qabel waqa' dan il-hajt, fuq in-naha tieghu kien hemm il-hadid li semmejt mserrah fuqu u fuq in-naha l-ohra kien hemm xi plywood kbir kif ukoll bicciet zghar. Jien rajt ukoll lil Joseph Gatt inaddaf dan l-injam. Dan kien xi minuti qabel li waqa' dan il-hajt. Niftakar carament lil Gwido kien qabbad lil Joseph Gatt innaddaf dan l-injam. Fil-fatt kien ordnalu biex inaddaf dan l-injam quddiemi."*

Din id-dinamika hija konfermata wkoll mill-kollegi l-ohra tal-attur.

**Edgar Grech** xehed[19] li dakinhar ta' l-incident huma, nkluz l-attur kienu qeghdin inaddfu xi njam mill-imsiemer u jigbru xi briks biex jintrema fl-iskips. Qal ukoll li fl-area fejn kien jinsab l-attur kien hemm hajt tal-briks li ma kellux il-baxxa mas-saqaf. Fil-fatt dan kien inbena wara li kien sar is-saqaf ta' fuqu.

[19] Affidavit a fol 31

F'hin minnhom sema' hoss kbir u skopra li dan il-hajt waqa' ghal fuq l-attur li mbaghad ittiehed l-isptar. Dan ix-xhud kompla hekk –

*"Niftakar li ma dan il-hajt kien hemm xi scaffolding imserrah li konna poggejnih ahna wara li l-Foreman Gwido kien qalilna biex inpogguh hemm."*

**Das Bipul**[20], il-haddiem l-iehor li dakinhar ta' l-incident kien fuq il-lant tax-xoghol u kien qed jahdem proprju vicin l-attur fil-mument li waqa' l-hajt ikkonferma li l-*foreman* kien qalilhom biex jigbru xi njam u scaffolding u jpogguhom mal-hajt tal-bricks. Waqt li l-attur kien qieghed jigbor xi bicciet ta' l-injam minn naha l-ohra tal-hajt tal-briks, dan il-hajt waqa' ghal fuqu u wegga' saqajh.

2. **Dizabilita' permanenti**

**L-attur** jghid[21] li meta wara l-incident huwa ttiehed l-isptar bl-ambulanza, ittehidlu *x-ray* u t-tobba qalulu li kellu rkubbtejh tal-lemin miksura u mfarrka. Kienu qalulu wkoll li kellu bzonn operazzjoni. Huwa kien gie operat wara xi granet u xi gimgha wara ntbaghat id-dar. Waqt l-operazzjoni ghamlulu xi hadid bhala sapport sabiex l-ghadam ta' saqajh ifiq ahjar. Huwa ghamel zmien twil juza l-krozzi kif ukoll imur ghal kura u fizjoterapija. Meta jerga' jibda jhoss l-ugiegh huwa kien ikollu jerga' jirrikorri ghall-uzu ta' wahda mill-krozzi.

L-attur gie ezaminat mill-**konsulent u kirurgu fl-ortopedija Mr Anthony A. Bernard** li ppepara rapport *ex parte*[22] fejn ikkonstata li l-attur izappap ftit fil-mixi u wkoll –

[20] Affidavit a fol 33
[21] Fol 26
[22] Fol 5 et seq

*"there is a fixed flexion deformity of 5 degrees in the right knee while flexion is full. There are scars from the wires at the tibial condyles and three screws in the shin. The ligaments are stable and there is tenderness in the lateral joint line. The radiographs and CT scan dated 1st April 2009 show a comminuted fractire of the proximal tibia extending into the both tibial condyles. Subsequent Radiographs show the position after application of an axternal fixator. That on the 12th February 2009 shows that it has united with depression and irregularity involving mainly the lateral tibial condyle.*

*<u>Conclusion</u>*

*Mr Gatt suffered a comminuted fracture of the proximal tibia with disruption pf both the tibial condyles. The fracture was treated with reduction and external fixation has united with irregularity of the articular surface of the lateral tibial condyle. This has caused persistent pain in the knee and will lead to te development of post traumatic arthritis in the lateral compartment of the knee with increasing pain and valgus deformity as the lateral compartment wears. He will need further surgery in the future to deal with this.*

*I therefore rate his permanent disability due to this injury at 18% (eighteen percent)."*

Fix-xhieda tieghu *viva voce* dan il-konsulent qal li[23] peress li b'konsegwenza tal-incident il-gog tfarrak u probabilment l-attur ikollu bzonn *knee replacement* li hija operazzjoni magguri. Aktar ma' l-attur jghix, aktar hemm certezza ta' accellerazzjoni tad-deterjorazzjoni tal-irkoppa li jwassal ghal dan l-intervent. Bil-kundizzjoni tal-attur ma jistax jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel qabel.

[23] Fol 115

## 3. Responsabbilta' ghall-incident tal-1 t' April 2008

**L-artikolu 1033 tal-Kodici Civili** jipprovdi hekk:

*"Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

L-attur isostni li l-incident de quo sehh minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol da parti tal-konvenuti.

Minhabba li, kif inghad, hija s-socjeta' Polidano Brothers Limited li ghandha twiegeb ghall-lanjanzi attrici, l-Qorti sejra tevalwa l-obbligi li kellhom jigu osservati minnha skont il-ligi u x'kienu l-mizuri li ttiehdu jew ma ttihdux minn din is-socjeta' fuq il-lant tax-xoghol fejn kien qed jahdem l-attur fl-epoka ta' l-incident. Jehtieg jigi evalwat ukoll x'kienu l-obbligi ta' l-attur bhala haddiem u jekk l-incident giex kawzat b'nuqqasijiet da parti tieghu.

**L-Att dwar l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol (Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta)** jobbliga lil min ihaddem biex jiggarantixxi ambjent sikur ghas-sahha u s-sigurta' tal-impjegati tieghu kif ukoll li jforni lill-impjegati tieghu bil-mezzi kollha u bl-apparat necessarju ghal dan il-ghan.

Fl-artikolu 6 tieghu, dan l-Att jestabilixxi li -

*"**6.** (1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-*

*persuna li tħaddem:*

*Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:*

*Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.*

*(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*
*(a) li jiġi evitat riskju;*
*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*
*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*
*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għazla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*
*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-*

*sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.*

*(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), min iħaddem għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim, dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol.*

*(4) Min iħaddem għandu jiżgura li f'dawk il-postijiet tax-xogħol fejn jaħdem għadd suffiċjenti ta' ħaddiema, għandhom jiġu eletti, magħżulin jew mod ieħor nominati, persuna jew persuni bħala r-Rappreżentant jew ir-Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema, u liema rappreżentanti jiġu konsultati minn qabel u fi żmien raġonevoli minn min iħaddem dwar dawk il-ħwejjeġ li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol."*

**L-Avviz Legali 36 ta' l-2003 intitolat "Regolamenti dwar Dispozizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol"** ikompli hekk -

**4.** *(1) Ghandu jkun id-dmir ta' min ihaddem li jizgura s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol.*

*(2) Min ihaddem ghandu jaghmel dawk l-arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg u revizjoni tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriza.*

*(3) Min ihaddem ghandu jiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u taghrif kif mehtieg: Izda ghal dawn l-ghanijiet, min ihaddem ghandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi necessarji li bihom jizgura l-grad ta' standards ta' sahha u sigurtà*

*mehtiega fuq il-post tax-xoghol:*

*Izda wkoll, bl-ghan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet ezistenti, min ihaddem ghandu jkun attent ghall-bzonn ta' aggustament jew emenda ta' dawk il-mizuri mehuda biex jipprotegu s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema waqt li jikkunsidra c-cirkostanzi li jinbidlu.*

**5.** *Minghajr hsara ghall-generalità tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, min ihaddem ghandu, wara li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet ta' l-impriza u, jew ta' l-istabbiliment –*

*(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u ghandu jevita riskji ghas-sahha u s-sigurtà;*

*(b) jevalwa dawk ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema li ma jistghux jigu evitati u ghandu jikkontrollahom mill-bidu;*

*(c) jadatta x-xoghol ghall-individwu, specjalment fejn jidhol id-disinn tal-postijiet tax-xoghol, l-ghazla tat-taghmir tax-xoghol u l-ghazla tal-metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, bil-hsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xoghol monotonu u xoghol b'rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett taghhom fuq is-sahha."*

L-istess Att jipprovdi wkoll dwar **id-dmirijiet u l-obbligi tal-haddiema** -

**7.** *(1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*

*(2) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jikkoopera ma' min iħaddem u mar-Rappreżentant jew Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà."*

**L-Avviz Legali 36 ta' l-2003** imsemmi jkompli hekk:

*"**15.** (1) Ghandu jkun id-dmir ta' kull haddiem li jiehu hsieb kemm jista' jkun is-sahha u s-sigurtà tieghu stess kif ukoll dawk ta' persuni ohrajn li jistghu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tieghu skond it-taghrif u l-istruzzjonijiet moghtija minn min ihaddem.*

*(2) Minghajr pregudizzju ghall-generalità ta' dan kollu, ghandu jkun id-dmir tal-haddiem li:*

*(a) jaghmel uzu korrett tal-makkinarju, apparat, ghodda, sustanzi perikoluzi, taghmir tat-trasport u mezzi ohrajn ta' produzzjoni;*

*(b) jaghmel uzu korrett tat-taghmir protettiv personali moghti lilu u, wara l-uzu, jirritornah f'postu;*

*(c) ma jiskonnettjax, jibdel jew inehhi b'mod arbitrarju l-mezzi ta' sigurtà uzati, ma' makkinarju, apparat, ghodda, impjanti u bini, u li juza dawn il-mezzi ta' sigurtà b'mod korrett;*

*(d) jinforma immedjatament lil min ihaddem u, jew lill-haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema b'xi sitwazzjoni tax-xoghol li jkollu ragunijiet jikkunsidra li tipprezenta periklu serju u imminenti ghas-sahha u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arrangamenti ta' protezzjoni;*

*(e) jikkopera ma' min ihaddem u ma' haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta' zmien necessarju sabiex jitlesta x-xoghol jew htigijiet imposti mill-Awtorità sabiex jigu protetti s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema fuq ix-xoghol;*

*(f) jikkopera ma' min ihaddem u, jew ma' haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta' zmien necessarju sabiex min ihaddem jizgura li l-ambjent tax-xoghol u l-kondizzjonijiet tax-xoghol ikunu minghajr periklu u li ma jpoggu l-ebda riskju ghas-sahha u s-sigurtà fil-qasam ta' l-attività taghhom."*

Fil-kaz **Saviour Farrugia vs Korporazzjoni Enemalta deciz fit-18 ta' Marzu 2016**[24] din il-Qorti elenkat rassenja ta' gurisprudenza dwar l-obbligi legali ta' min ihaddem u tal-haddiema -

*"Il-principji legali appena citati gew ripetutament riaffermati mill-Qrati taghna. Il-kaz fl-ismijiet* ***Kenneth Borg vs FXB Joiners Ltd et*** *deciz fis-26 ta' Gunju 2014 jigbor fih sintezi ta' gurisprudenza dwar id-dmirijiet kemm ta' min ihaddem u anke tal-haddiema:*

*"Dak li hu importanti hu, li kif intqal fil-kawza, fl-ismijiet "****John Sultana vs Francis Spiteri et noe****", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 1979, "min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem."*

*Gie ritenut ukoll li a safe system of work u a safe working environment ifissru li min ihaddem hu obbligat li jassigura li "l-makkinarju u l-istrutturi provduti minn min jaghti x-xoghol ghandhom jigu regolarment mantenuti u mizmuma hielsa minn difetti u mankanzi" - "****Julie Scicluna pro et noe vs Sammy Meilaq nomine et"*** *(Citazzjoni numru 11/92DS).*

*Inoltre, gie ndikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jara wkoll li l-haddiema tieghu jkunu mharrga ghat-tip ta' xoghol li jkunu mqabbda jaghmlu. Il-hsieb legali fil-materja gie spjegat mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza bl-ismijiet* ***"Francis Buhagiar et vs Segretarju tal-Ufficcju tal-President ta' Malta et"*** *- deciza fid-29 ta' Mejju 2009. Il-Qorti skartat it-tezi li "tezisti xi forma ta' strict liability, jew responsabbilta' oggettiva li tpoggi lill-imghallem li jaghmel tajjeb - billi jerfa' r-responsabbilta` – tas-sinistru li jkun sehh". Kompliet "Kif tajjeb gie elaborat mill-ewwel Qorti, is-sistema legali taghna*

[24] Rik Gur 852/12

*dwar responsabbilta` fejn jirrizulta event dannuz hija 'fault-based.' Fi kliem iehor f'kull kaz irid ikun hemm nexus ta' bejn il-kawza u l-effett ghal dak li jkun gara."*

*Fil-kaz citat, il-Qorti ta' l-Appell osservat li x-xoghol li l-attur/appellant kien gie mqabbad li jaghmel kien jinvolvi xejn riskjuz - ma nghatax attrezzi difettuzi u lanqas kien jirrizulta xi forma ta' ness bejn l-event dannuz u r-responsabbilta` tal-"employer" talli ma pprovdiex "a safe system of work" lill-impjegat tieghu.*

*Kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet* ***"Bugeja vs Montanaro Gauci"*** *- deciza 14 ta' Mejju 2004, "huwa daqstant importanti fil-kuntest ta' responsabbilta` lill-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-icken possibilita ta' infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi "a safe place of work".*

*Hu daqstant minnu izda, li, min ihaddem, hu obbligat ukoll li jipprovdi kontra l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jaqghu fiha l-haddiema u li hafna drabi hi ndotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali (ara "***Grech vs Farrugia***", deciza mill-Onorabbli Qorti talAppell fis-7 ta' Dicembru, 1994). Hekk ukoll gie ritenut fil-kawza "***Borg vs Wells***" (deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981) "In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in works involved in their daily work" u " dan tenut kont ta' l-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol u nuqqas ta' haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu".*

*Pero' huwa dejjem l-obbligu tal-haddiem li joqghod attent waqt l-ezekuzzjoni ta' xogholu - ghalhekk min ihaddem m'ghandux ikun tenut li jipprovdi kontra*

*negligenza grassa, ghax anke l-haddiem hu mistenni li joqghod attent u juza d-diligenza fuq il-post tax-xoghol. Il-haddiem ghandu jkun konxju tal-perikoli fuq ix-xoghol, u m'ghandux jaghmel manuvri azzardati li jzidu r-riskju tal-hsara (ara "**Sciriha vs O'Flaherty noe**", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Mejju, 1994).*

*Dwar il-provi li jridu jingiebu u l-onu ta' l-istess insibu fil-kaz **Raymond Psaila vs Pisciculture Marine de Malte Limited** deciza fid-29 ta' Settembru 2011 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli 24 Cit Nru 2118/1998 Prim Awla tal-Qorti Civili (mhux appellata) 852/12MH 19 ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għallprekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh ;*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "a safe system of work") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward.*

*Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi;*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq, u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u lawtoritajiet kompetenti u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru;*

*Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li ta' bilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "strict liability").*

*Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra*

*tixxejjen jekk kemm il-darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel;"*

*Dawn il-principji gew ukoll ripetuti fil-kawza fl-ismijiet* **Emmanuel Spiteri vs G.S.C. Limited** *deciza fil 5 ta' Ottubru, 2010: P.A. 671/1997/1 JRM*
*"Illi l-Qorti tibda biex tghid li fejn jidhol korriment (jew mewt) waqt il-qadi tax-xogħol li wiehed ikun tqabbad jagħmel, il-prova tar-responsabbilta` ta' dik ilgrajja xorta wahda taqa' fuq min ikun indarab (jew dawk li jigu minnu). Il-fatt waħdu li persuna tkorri (jew tmut) fuq il-post tax-xogħol ma tfissirx awtomatikament it-tqegħid tar-responsabbilta' fuq l-imgħallem u l-ħelsien għal kollox tal-parti midruba mill-ħtiega li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Dan hu skond ir-regola ewlenija tad-dritt procedurali li min jallega jrid jipprova bl-ahjar mod li titlob il-ligi. Tal-anqas, il-parti attrici tkun trid turi tajjeb biżżejjed li sehh dak l-incident u li min-naha taghha (jew l-awtur taghha) jkun sar dak kollu li juri li dak li gara ma jkunx ingab b'idejn dak li jkun;*

*Illi, madankollu, dak il-piż jaf il-limitazzjonijiet tiegħu minħabba li, fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt ilqadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli specjali dwar dak li jsehh meta ħaddiem jew terza persuna ggarrab incident bhal dak. Bittħaddim tar-regoli generali tal-ligi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwiegeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija ghal incident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuragni jew b'rieda, ikun hu nnifsu gab l-effetti tal-incident b'idejh;" (Ara ukoll App.Civ fl-ismijiet* **Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd** *deciza fid-9 ta' Jannar, 2009)."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz tal-lum il-Qorti ssib li s-socjeta' konvenuta Polidano Brothers Limited certament ghandha responsabbilta' xi ggorr ghal dan l-incident. Hija ppermettiet li l-haddiema taghha, inkluz l-attur, jintbaghtu jaghmlu xoghol fuq is-sit in kwistjoni gewwa Birzebbugia, addirittura tramite l-*foreman* taghha taghti struzzjonijiet lil dawn il-haddiema biex iserrhu materjal ta' hadid u njam mal-hajt in kwistjoni, meta dan il-hajt, mibni minn bennej imqabbad minnha stess, ma kienx mibni skont l-arti u s-sengha b'dana li espona lill-haddiema ghall-periklu u nuqqas ta' sigurta' fuq il-post tax-xoghol. Il-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas irrizultaw fl-incident illum mertu tal-kawza. Dawn il-konkluzjonijiet il-Qorti qed tasal ghalihom wara li evalwat l-**osservazzjonijiet teknici tal-perit Mario Cassar** imqabbad minnha. Il-perit jghid li:

*"(a) Illi s-socjeta' attrici (sic) kienet il-kuntrattur illi kien qieghed jibni l-kostruzzjoni fejn sehh l-incident.*

*(b) Illi fuq il-lant tax-xoghol kien hemm foreman illi kien responsabbli mix-xoghlijiet u li kellu jara illi dawn ix-xoghlijiet isiru skont is-sengha u l-arti.*

*(c) Illi waqt il-kostruzzjoni tal-hajt illi ggarraf u li kien il-kagun tal-korriment tal-attur kien hemm diversi fatturi li jirregolaw good practices illi ma gewx osservati:*

*I. Illi l-bennej illi gie ndikat illi kien jahdem bl-imqieta ma uzax pjanci biex jorbot il-hajt mal-kolonni tal-konkos.*

*II. Illi l-hajt minn fuq ma kienx imwassal sas-saqaf tal-konkos.*

*III. Illi l-kwalita' tat-tajn illi bih tqieghed il-brikks kienet suspettuza. Mill-esperjenza, il-Perit Tekniku jikkonstatata illi dan it-tajn normalment jikkonsisti minn xahx u naqra siment, meta dan, skont is-sengha u l-arti ghandu jikkonsisti minn ramel fin, siment u naqra xahx biex jiggomma.*

*IV. Illi mix-xhieda ta' David Camilleri tas-seduta tat-3 ta' Novembru 2014, jirrizulta illi tant il-hajt kien perpura illi wiehed seta' jwaqqghu b'idejh.*

*V. Strutturalment dawn it-tipi ta' hitan illi jinbnew wara illi jinghata l-konkos tas-saqaf ma jkunux stabbli minhabba illi ma jkunu marbuta ma mkien."*

In vista ta' dawn il-konstatazzjonijiet il-perit Cassar ikkonkluda:

*"1) Illi l-foreman, illi kien impjegat tas-socjeta' konvenuta, ma messu qatt halla lill-haddiema jserrhu l-pajpijiet tal-hadid tas-shutter ma' hajt illi ma kienx mirfud minn imkien.*

*2) Illi l-korriment tal-attur kien rizultat dirett tat-tigrif tal-hajt tal-brikks illi ggarraf b'kagun illi mieghu gew imserrha pajpijiet tqal tal-hadid li kienu jaghmlu parti mix-shutter tal-konkos.*

*3) Illi dan sehh minhabba illi l-hajt ma kienx mibni skont is-sengha u l-arti, mill-bennej illi bniegh. Kienet ukoll ir-responsabilta' tal-foreman illi kelu jikkoregi u jigbed l-attenzjoni tal-bennej biex dan jaghmel xoghlu skont is-sengha u l-arti."*

Dwar il-piz probatorju tal-kostatazzjonijiet ta' periti teknici nominati mill-Qrati gie ritenut kostantement mill-gurisprudenza nostrali, li ghalkemm Qorti mhijiex marbuta tadotta l-konkluzjonijiet ta' rapport peritali, madankollu hija

m'ghandhiex b'mod legger tiskarta tali rizultanzi tenut kont li dawn ikunu maghmula minn espert tekniku mqabbad apposta biex jezamina materja teknika bhal ma hu l-kaz odjern. Fil-kaz fl-ismijiet **Noel Pisani et pro et noe vs Adam Bartolo deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 t'April 2016**[25] elenkat il-principji rilevanti f'dan il-kuntest:

*"Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza **"Calleja vs Mifsud"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*

*'Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

*In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu*

---

[25] Cit Nru 13/06 JZM

*privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("***Grima vs Mamo et noe" –** *Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)***.**

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din ilkonvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ( ara - "***Cauchi vs Mercieca" –** *Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999* **; "Saliba vs Farrugia**" *– Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 ; "***Tabone vs Tabone et***" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "***Calleja noe vs Mifsud***" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `***Attard vs Tedesco et***` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Gunju 2007 u* **"Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et"** *(Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta' Dicembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("***Bugeja et vs Muscat et" –** *Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967)."*

Fid-dawl tal-principji suesposti l-Qorti tqis li m'hemm ebda lok li jwassalha biex tiddubita mil-konstatazzjonijiet tal-espert imqabbad minnha u tqis li l-konkluzjonijiet tieghu huma gusti u korretti. Ghalhekk hija se taghmel taghha dawn l-istess konkluzjonijiet.

Inoltre, fic-cirkustanzi, l-fatt wahdu li s-socjeta' konvenuta kienet tipprovdi lbies protettiv[26] u li fil-hin ta' l-incident l-attur kien liebes *safety shoes, helmet* u

[26] Affidavit Paul Polidano a fol 146

ngwanti[27] ma jiskolpax lis-socjeta' konvenuta mir-responsabilta' taghha veru l-incident in kwistjoni.

Il-Qorti tinnota wkoll li **l-unika difiza li s-socjeta' konvenuta ressqet fir-risposta guramentata taghha biex tipprova tiskolpa ruhha jew almenu timmitiga r-responsabilta' taghha dwar l-akkadut kienet li l-incident sehh *"unikament minhabba forza magguri"* peress li *"rih kbir li hakem lil dawn il-gzejjer fil-jum tal-incident"*[28].**

Dwar dan inghad fid-decizzjoni **Fogg Insurance Agencies Ltd. Noe. Et. Vs Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta et**[29].:-

*"L-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili jipprovdi li:*

> *"Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espresso tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara."*

1. *Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza* ***Valenzia nomine vs Camilleri*** *(27 ta' Gunju, 2003):*

   *"Izda il-koncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Skond il-principji tad-Dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun*

[27] Fol 109
[28] Eccezzjonijiet numri 4 u 5
[29] App.Inf.36/2016 deciz fil-21 ta' Ottubru, 2016

*inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-'bonus pater familias.*

***Isegwi li jekk jirrizulta xi nuqqas tal-bniedem din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi.****"*

*Hekk ukoll din il-qorti fis-sentenza* **Vella vs Cilia** *(23 ta' Gunju, 2004) qalet:*

*"…… il-kaz fortuwitu huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza. Intqal ukoll illi biex ikun hemm il-kaz fortuwitu, mhux bizzejjed avveniment insolitu imma jehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja. Kif, ex abundantia, rilevat il-prova tal-fortuwitu jew tal-kawza estranea tinkombi fuq il-konvenut li jissollevaha bhala difiza skagonatrici. Sta ghalih li jipprova li l-kawza fortuwita serviet biex tinterrompi l-kollegament bejn il-kolpa addebitata u l-event dannuz. Tinsorgi ghalhekk fil-kaz prezenti d-domanda jekk dak li sehh kienx ir-rizultat ta' kawza fortuwita inevitabbli fis-sens li wiehed ma setax ikun mistenni li* ***jiehu mizuri preventivi kontra dak li ma setax normalment jigi prevedut****. Jispetta ovvjament lill-gudikant li jevalwa rrizultanzi processwali."*

Paul Polidano ghan-nom tas-socjeta' konvenuta xehed li *"niftakar ukoll illi dak inhar il-gurnata kienet iddominata minn rih qawwi u allura dan ikkontribwixxa biex jinqaleb il-hajt*[30]*."* Minn naha tieghu l-attur qal li - *"Naf li kienet ix-xita biss mhux xi rih qawwi*[31]*."*

[30] Affidavit a fol 146
[31] Xhieda a fol 108

Madankollu, u in vista tal-osservazzjonijiet maghmula fis-suespost, ebda prova konkreta ma tressqet fl-atti li tista' remotament torbot il-kawza tal-kollass tal-hajt mat-temp li kien hemm dakinhar.

Anzi l-perit espert tal-Qorti Mario Cassar kategorikament eskluda li l-hajt seta' waqa' bir-rih[32] -

*"Dr Jason Grima: Mela Perit ghidtilna illi dan il-hajt ovvjament ma tpoggix l-affarijiet mieghu ghax inkella jaqa' kif fil-fatt gara. Jekk kieku ma poggewx affarijiet mieghu kien ha jaqa' dan il-hajt? Per ezempju bir-rih seta' jaqa' dan il-hajt?*

*Xhud: Ma jidhirx kif nista' nimmagina li kien gol-bini dan ma setax jahkmu rih b'tali mod u manjiera li jwaqqghu dan normalment twaqqa' hajt mhux mirfut meta jkun in arja aperta u r-rih ikun kontra jonfoh at 90 degrees tieghu.*

*Dr Jason Grima: Jigifieri inti mill-process u mix-xhieda li smajt ma rrizultalekx li dan seta' waqa' bir-rih?*

*Xhud: Le assolutament."*

**Ghaldaqstant tenut kont tal-linja gurisprudenzjali esposta u l-provi mressqa, din id-difiza tas-socjeta' konvenuta sejra tigi michuda.**

Ghalkemm kif inghad, fir-risposta guramentata taghha s-socjeta' konvenuta ppruvat titfa' r-responsabilta' tal-incident unikament fuq il-forza magguri, fis-sottomissjonijiet taghha s-socjeta' konvenuta tittanta tghabbi lill-attur b'parti mir-responsabilta' ghax fil-fehma taghha *"l-haddiema kollha kienu jafu li dan il-hajt ma kienx wiehed li seta' jerfa' dan il-piz[33]."*

[32] Fol 159
[33] Fol 174 para 26

Inghata hjiel ta'dan ukoll mid-domandi li saru lil-perit tekniku imqabbad minn din il-Qorti[34]. Tant li gie sugerit lill-istess perit illi l-attur bl-esperjenza tieghu kellu jkun jaf li bil-piz tal-puntali u kannen ohra imserhin mal-hajt kienu jirrendu lill-istess dghajjef, konsegwentement l-attur la kellu jaghmel dan u lanqas ikun fil-vicinanzi tieghu.

Pero l-attur innifsu jghid li hu obda d-direzzjonijiet moghtija lilu mill-*foreman* Gwido u li waqt il-hin ta' l-incident huwa kien fuq gewwa jisbarazza. Jghid li hu fil-fatt kien qed innaddaf l-injam mill-imsiemer, baxxut. In kontro ezami jzid illi hu ma qeghedtx *scaffolding* jistrieh mal-hajt migruf. Zid ukoll li hu ma kienx jaf x'kien l-uzu tal-hajt u li kien ilu jahdem fil-kostruzzjoni biss ghal madwar **disa' xhur.**

Fil-fatt minn imkien ma jirrizulta li l-attur ikkontribwixxa ghall-incident tal-waqa tal-hajt. Ghalkemm kienu xi erba', hames minn nies jahdmu biex jizzarma l-*iscaffolding* hadd ma indika li l-attur kien qieghed jpoggi dak zarmat mal-hajt. Il-partecipazzjoni tieghu tirrizulta li kienet dik li jnaddaf l-injam mill-imsiemer.

Jghid l-attur *" Ma nafx jekk kienx hemm xi haddiema izarmaw l-iscaffolding u jpogguh mal-hajt. Fil-kamra kont wahdi. Ma nafx kienx hemm haddiema barra mill-kamra."*[35]. Innega ukoll in kontro ezami illi hu kien qieghed dan l-injam li kien qed inaddaf.

Infatti ma ngibietx prova li l-attur kien ippartecipa fit-tqeghid ta' l-i*scaffolding* mal-hajt in kwistjoni ghax hu kien qieghed jahdem f'parti ohra[36]:

*"Nikkonferma illi dakinhar tal-incident kont qieghed innaddaf xi shutter, u kont go kamra minnhom, u kien hemm l-injam tax-xatter fl-art u Gwido il-foreman kien qabbadni nnaddfu. Kont qieghed vicin il-hajt, fil-fatt x'hin indunajt, u rajt*

[34] Tant li ma wasslux ghat-tranazzjoni minhabba f'hekk.
[35] Fol 137
[36] Fol 139

*il-hajt jiccaqlaq kont qrib il-hajt. Naqlawlu l-imsiemer, l-injam tax-xatter u npoggieh f'post iehor. Jien ma poggejtx minn dan l-injam mal-hajt li waqa'. Dak il-hin jien kont qieghed nahdem wahdi. F'dik il-kamra fejn kont qieghed innaddaf ix-xatter ma kien hemm hadd. Minn gol-kamra ma kontx qed narahom. Ma kontx naf x'qeghdin izarmaw, ghax ma kinux fil-kamra mieghi.*

*[……]*

*X'hin kont qieghed innaddaf ma smajtx hsejjes ta' hadid jingarr, jew jitqieghed. Smajt hsejjes, biss ma kontx naf x'kienu qeghdin jaghmlu. Smajt hsejjes tal-hadid meta waqa' l-hajt, hsejjes ta' hadid u gebel. Il-hajt rajtu jiccaqalaq qabel ma waqa."*

Inoltre, l-attur qal hekk[37] -

*"Jien dal-hajt ma kontx naf x'inhu l-uzu tieghu. Kont ili nahdem madwar disa' xhur fil-kostruzzjoni. Qabel ma kont nahdem ma'* Polidano *kont nahdem naqriet zghar meta kont zghir."*

Ukoll, in eskussjoni l-Perit espert tal-Qorti Mario Cassar, mistoqsi jekk l-attur bhala bniedem involut fil-mestier kellux ikun jaf li hajt ta' dik il-kwalita' ma setax jiehu l-pizijiet li tpoggew mieghu, wiegeb li mix-xhieda rrizulta li l-attur ma kienx bniedem tekniku u li fil-mument tal-incident *"l-attur meta tara c-cirkustanza ma setax jobsor li n-naha l-ohra qed ipoggu l-puntali mal-hajt[38]."*

F'dan ir-rigward gie deciz u mitqal fil-kaz ingliz **Jones vs Livox** (1952)1T.L.R. 1377:-

[37] Fol 139
[38] Fol 158

*"Contributory negligence does not depend on a duty of care, it depends on foreseeability. Just as actionable negligence requires the foreseeability of harm to others, so contributory negligence requires the foreseeability of harm to oneself.... "*

Illi l-Qorti ma tistax tirriskontra ebda htija da parti ta' l-attur ghal akkadut, ma ngabet ebda prova ta' dan. Lanqas ma jista jinghad illi disa' xhur esperjenza fix-xoghol ta' kostruzzjoni jaghmlu lil attur xi bniedem ta' konoxxenza teknika f'dan il-kamp. Konsegwentement il-Qorti ma ssib ebda htija fl-attur fir-rigward tal-incident in kwistjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib li r-responsabilta' ghall-incident de quo hija unikament is-socjeta' konvenuta Polidano Brothers Ltd.**

**Isegwi li l-ewwel talba attrici timmerita li tigi akkolta. Ghall-istess ragunijiet, il-bqija ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fil-mertu sejrin jigu respinti.**

**4. Likwidazzjoni u hlas ta' danni**

In vista tal-konkluzjonijet taghha dwar ir-responsabilta' ghall-incident *de quo*, il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra t-tieni u t-tielet talba ta' l-attur dwar il-likwidazzjoni u hlas ta' danni.

L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi –

***"1045.** (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, lispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, ittelf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta'*

*qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u lkondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

Fis-sistema taghna, d-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

Fil-kaz **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deciz fil-25 ta' Frar 2016**[39] din il-Qorti diversament preseduta gabret rassenja tal-principji generali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-gurisprudenza matul is-snin:

*"Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** – A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha multiplier system, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** – A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu." Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi – **"Savona vs Asphar"** App. Deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu*

[39] Rik Gur 836/01LSO

*jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("***Emanuel Mizzi vs Carmel Attard***":- 13.5.2003); u li "dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." –* ***"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"*** *– Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-kaz* ***"Paul Debono vs Malta Drydocks"*** *P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tallucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l nkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati Taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bhala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced*

*partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases." **(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Ghalhekk gie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-kaz "**Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace**" Appell deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier gie definit kif gej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet*

***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident[40]. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[41].*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….." (**Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

[40] *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*
[41] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

***Tnaqqis minhabba lump sum payment***

*Illi dwar il-lump sum jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "***Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe***." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz* ***"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"*** *deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz* ***"Jos Agius vs All Services Ltd."*** *(P.A. TM 1809/01 deciza fit-2 ta' Gunju '05) "f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

*Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien*

*tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "**Agius vs Fenech**" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "**Sylvester Tabone vs Carmen Abela"** P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u **"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd**." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012).*

B'applikazzjoni tal-principji suesposti ghall-kaz odjern, il-Qorti tibda billi tosserva illi l-provi ta' l-attur dwar il-likwidazzjoni tad-danni huma skarsi ghall-ahhar.

Huwa ma gab ebda prova ta' *damnum emergens* u lanqas dwar kemm kien il-*quantum* tal-paga li kien jaqla. Fin-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet pero' rrizulta pacifiku li l-attur kien jippercepixxi l-paga minima fil-kors ta' l-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta[42]. L-attur qal ukoll li hu qatt ma hadem mis-sena 2008 u li wara l-incident huwa thallas sena paga mis-socjeta' konvenuta[43].

Il-Qorti tinnota wkoll li s-socjeta' konvenuta tipprova timminimizza l-portata tad-dizabilita' ta' l-attur u r-rizarciment mitlub ghax fil-fehma taghha l-attur ghandu l-potenzjal li jaghmel l-operazzjoni ta' *knee replacement* u anke ghax skont ma qalet, l-istess attur ghazel hu li ma jahdimx u wara l-incident baqa' jiddependi biss fuq il-beneficcji socjali. Izda fil-fehma tal-Qorti dawn l-argumenti ma ghandhomx jinfluwixxu fuq il-likwidazzjoni tad-danni ghax l-iskop ta' din il-likwidazzjoni huwa li jaghmlu tajjeb ghat-tnaqqis fil-kwalita' tal-hajja ta' l-attur b'rizultat dirett ta' l-incident ta' l-1 t'April 2008 bil-ghan li l-attur jitpogga f'pozizzjoni daqs li kieku huwa ma gralux dan l-istess incident. Tajjeb jigi osservat ukoll li, kif ikkonstata Mr Anthony Bernard[44] -

*"Bil-kundizzjonijiet prezenti tal-attur, dan ma jistax jaghmel l-istess xoghol li*

[42] Fol 169 (Nota tal-attur); fol 175 (Nota tas-socjeta' konvenuta)
[43] Fol 140
[44] Fol 115

*kien jaghmel qabel."*

Ferm il-premess, il-Qorti taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet dwar il-***Lucrum Cessans:***

a. Ghal dak li huwa **persentagg ta' dizabilita'**, il-konsulent fl-ortopedija Mr Anthony Bernard ikkonstata li din tammonta ghal **18%**.

b. Dwar **il-multiplier**, min-numru tal-karta tal-identita' tal-attur jirrizulta li fid-data ta' l-incident l-attur kellu 49 sena[45]. A bazi tac-*chart* citata minn din il-Qorti stess fis-sentenza taghha **Michael Busuttil vs Magdalena Abela deciza fit-30 ta' Mejju 2016**[46] il-multiplier huwa ta' 13-il sena. Izda minhabba li l-attur thallas sena paga wara l-incident mis-socjeta' konvenuta, l-Qorti sejra tnaqqsu ghal **12-il sena**, liema multiplier qieghed ukoll jaghmel tajjeb ghall-fattur tac-*chances* u c-*changes of life*.

**c.** Kif inghad, il-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dak inhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal ghall-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni. Ghal dak li huwa **salarju** l-Qorti sejra timxi fuq ir-rata tal-paga minima nazzjonali kif stabbilita skont **l-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali (L.S. 452.71)** mis-sena li fiha sehh l-incident in kwistjoni.

Sena 2008 – €7,404.28

Sena 2009 – €7,616.44

Sena 2010 – €7,919.08

[45] Fol 169 (Nota tal-attur)

[46] Rik Gur 118/14

Sena 2011 – €7979.40

Sena 2012 – €8,221.72

Id-dhul medju tal-attur fuq firxa ta' hames snin ghalhekk kien ta' €7,828.184 li maghha ser izzid is-somma ta' €350 biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier*.

Il-kalkolu ghalhekk se jsir fuq is-somma ta' **€8,178.184.**

d. Ghal dak li jirrigwarda t-tnaqqis minhabba li l-hlas ser isir f'daqqa (***lump sum payment***), il-Qorti fl-ewwel lok tinnota li l-kawza nfethet kwazi sentejn wara l-incident u s-sentenza sejra tinghata seba' snin wara li gew intavolati dawn il-proceduri. Ma jirrizultax li kien hemm dilungar inutili mill-partijiet. Fic-cirkustanzi l-Qorti tqis li **t-tnaqqis ghandu jkun ta' 8%.**

L-ammont dovut lill-attur bhala ***lucrum cessans*** sejjer ghalhekk jigi kalkulat kif gej:

€8,178.184 x 18% x 12 = €17,664.87 – 8% **= €16,251.68**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

1. **Tilqa' t-tieni eccezzjoni preliminari tas-socjetajiet konvenuti u tiddikjara illi s-socjeta' Polidano Group Ltd mhijiex legittimu kontradittur ghat-talbiet ta' l-attur u tilliberaha ghalhekk mill-osservanza tal-gudizzju;**

2. **Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet imressqa fil-kawza;**

3. **Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur u tiddikjara li s-socjeta' konvenuta Polidano Brothers Limited hija unikament responsabbli ghall-incident li sehh fuq il-post tax-xoghol gewwa sit tal-kostruzzjoni f'Birzebbugia nhar l-1 ta' April 2008, f'liema incident korra l-attur;**

4. **Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tillikwida s-somma ta' sittax-il elf mitejn u wiehed u hamsin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€16,251.68) bhala danni sofferti minnu kawza tal-istess incident;**

5. **Tilqa' t-tielet talba tal-attur u tordna lis-socjeta' konvenuta Polidano Brothers Limited thallas is-somma hekk likwidata;**

6. **L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta' Polidano Brothers Limited hlief ghal dawk tas-socjeta' Polidano Group Limited li ghandhom ikunu a karigu tal-attur.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Kristie Xuereb**
**Dep. Reg.**